

Brussell, 12 ta' April 2018
(OR. en)

7597/18

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0907 (APP)

PE 41
INST 134
FREMP 40
JUR 160
AG 4

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14743/15 PE 184 INST 428 JUR 753 FREMP 281 7038/16 JUR 114 INST 96 FREMP 48 PE 36 AG 3
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta d-dispożizzjonijiet li jemendaw l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett (l-"Att Elettorali")

1. INTRODUZZJONI

Fil-11 ta' Novembru 2015 il-Parlament Ewropew (PE) adotta proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta d-dispożizzjonijiet li jemendaw l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, akkumpanjata minn riżoluzzjoni dwar ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 223(1) TFUE.

2. SITWAZZJONI ATTWALI

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali (GAG) eżamina l-ewwel sett ta' artikoli fl-2016. Id-delegazzjonijiet setgħu jilħqu qbil dwar approċċ komuni għal għadd ta' dispożizzjonijiet fil-proposta tal-PE. Madankollu, bosta dispożizzjonijiet fil-proposta tal-PE dehru li ma kinux aċċettabbli għad-delegazzjonijiet bħala kwistjoni ta' prinċipju u/jew għal raġunijiet legali. Dawn jinkludu d-dispożizzjonijiet dwar kostitwenza konġunta u "Spitzenkandidaten". Skambju ta' fehmiet dwar il-fajl sar f'COREPER fit-30 ta' Novembru 2016, b'mod partikolari dwar bosta kwistjonijiet pendenti ewlenin. L-eżitu ta' din id-diskussjoni ġie ppreżentat b'mod informali lill-korelaturi u l-kontrorelaturi tal-Parlament f'Jannar 2017. Fis-6 ta' Diċembru 2017, il-COREPER iddiskuta mill-ġdid il-fajl¹ u ta mandat lill-Presidenza biex tinforma bil-fomm lill-korelaturi dwar is-sitwazzjoni attwali fil-Kunsill, inkluż dwar is-seba' dispożizzjonijiet li dehru li kienu aktarx aċċettabbli². Il-laqgħa saret fit-12 ta' Diċembru 2017. Il-korelaturi enfasizzaw li l-PE kien għadu qed jistenna t-tweġiba mill-Kunsill.

Pakkett ta' 7+2

Il-Presidenza kompliet id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma abbażi tas-seba' priyoritajiet li ġew identifikati, flimkien mal-Artikolu 3 dwar il-limitu³. Fl-aħħar laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma fid-9 ta' Marzu 2018, il-Presidenza ppreżentat proposta ta' kompromess riveduta flimkien mal-Artikolu 9a dwar il-votazzjoni ta' ċittadini f'pajjiżi terzi⁴.

Fil-laqgħa tal-Coreper tat-28 ta' Marzu, tneħħew ir-riżervi kollha li kien fadal, ħlief delegazzjoni waħda dwar il-limitu (ara hawn taħt). Din ir-riżerva nżammet ukoll fil-laqgħa sussegwenti tal-Coreper tal-11 ta' April.

¹ 15241/17, WK 12583/2017 REV 2

² Artikolu 1(1) (lingwaġġ użat fit-Trattat b'referenza għall-MPE bħala rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni), Artikolu 3a (skadenza ta' mill-anqas tliet ġimgħat għas-sottomissjoni tal-kandidaturi), Artikolu 3e(1) (wiri tal-isem jew il-logo tal-partiti politiċi Ewropej fuq il-poloż tal-votazzjoni), Artikolu 3e(2) (regoli dwar kif jintbagħtu materjali elettorali), Artikolu 4a (votazzjoni minn qabel, votazzjoni bil-posta, u votazzjoni elettronika u fuq l-internet), Artikolu 9, it-tieni paragrafu (pieni għal votazzjoni doppja) u Artikolu 9b (nomina ta' awtorità ta' kuntatt u skadenza għall-iskambju ta' data dwar il-votanti u l-kandidati).

³ WK 1800/2018

⁴ WK 1800/2018 REV 1

3. KWISTJONI PENDENTI (ARTIKOLU 3 DWAR IL-LIMITU)

L-Artikolu 3(2) hija dispożizzjoni ewlenija tal-proposta tal-PE li tistabbilixxi limitu minimu obbligatorju ta' 3% fil-livell tal-kostitwenza għall-Istati Membri li fihom tintuża s-sistema ta' lista u li għandhom kostitwenzi b'aktar minn 26 siġġu.

Il-kompromess tal-Presidenza jissuġġerixxi li tkun immodifikata l-formulazzjoni tal-Artikolu 3 biex dan japplika biss għal daww il-kostitwenzi (inkluż Stati Membri b'kostitwenza waħda) li fihom aktar minn 35 siġġu, b'limitu minimu ta' 2%.⁵ Id-dispożizzjoni tistipula wkoll li l-Istati Membri għandhom jikkonformaw ruħhom mal-limitu fil-ħin għall-elezzjonijiet li jsegwu daww li jseħħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att. Din il-proposta ta' kompromess kellha l-appoġġ ġenerali tal-Grupp ta' Ħidma li ġie kkonfermat fil-livell tal-Coreper. Madankollu, delegazzjoni waħda ma setgħetx tappoġġa l-istabbiliment ta' limitu, bħala kwistjoni ta' prinċipju.

4. AZZZJONI PROPOSTA

B'kont meħud tal-ħtieġa li l-bidliet għall-Att Elettorali attwali jkunu approvati skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali tagħhom u li l-miżuri domestiċi neċessarji jiġu adottati fi żmien xieraq għall-elezzjonijiet tal-PE għall-2019, kif ukoll l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar kwistjonijiet elettorali li tirrakkomanda li tiġi evitata kwalunkwe bidla għas-sistemi ta' votazzjoni eżatt qabel l-elezzjonijiet (fi żmien sena qabel), il-Presidenza tqis li din hija l-aħħar opportunità għall-Kunsill biex jintlaħaq qbil politiku unanimu dwar il-pakkett ta' 7+2 kif stipulat fl-Anness. Fid-dawl ta' ċirkostanzi qed jiġi propost ukoll li l-Parlament Ewropew ikun infurmat immedjatament dwar kwalunkwe qbil politiku li jkun intlaħaq, sabiex il-Parlament ikun jista' jieħu l-passi neċessarji.

⁵ Id-differenza fit-trattament bejn kostitwenzi ta' daqs differenti jista' jkun iġġustifikat mill-fatt li jeżisti "limitu naturali" fi kwalunkwe sistema elettorali mingħajr intervent legali. Fejn ikun hemm diġà limitu naturali għoli biżżejjed, l-oġġettiv li tkun evitata l-frammentazzjoni jkun żgurat mingħajr il-ħtieġa li jiġi introdott limitu obbligatorju.

Il-limitu naturali jvarja skont id-daqs tal-kostitwenza. Skont il-formula statistika akkreditata b'mod ġenerali, il-limitu naturali għal kostitwenza ta' 35 siġġu huwa ta' 2,08%. Għaldaqstant, it-tnaqqis tal-limitu minimu għal 2% għandu l-għan li jevita diskriminazzjoni mhux ġustifikata b'rabta ma' daww il-kostitwenzi (iżgħar), li l-limitu naturali tagħhom ikun bejn 2,08% u 3% u li għalihom ma jkunx japplika l-limitu obbligatorju.

It-test ta' kompromess imbagħad ser jitqiegħed fil-forma legali adegwata tal-att biex ikun adottat u ppreżentat, wara r-reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti, f'waħda mill-laqgħat li jmiss tal-Coreper għall-approvazzjoni, bħala bażi għall-Kunsill biex jiddeċiedi jekk ifittixx l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

5. KONKLUŻJONI

Il-Presidenza tqis li l-kompromess attwali li jirriżulta minn diskussjonijiet diffiċli u politikament sensittivi tul ħames presidenzi huwa bbilanċjat u jieħu kont tad-diversi pożizzjonijiet u interessi nazzjonali. Il-Presidenza hija tal-fehma li dan il-pakkett għandu jitqies fit-totalità tiegħu, u li ma teżistix l-opzjoni li tittieħed parti minnu barra.

Il-Kunsill huwa għaldaqstant mitlub li japprova t-test kif jinsab fl-Anness, sabiex jibagħtu lill-Parlament Ewropew.

Emendi għall-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett

Artikolu 1

1. F'kull Stat Membru, il-membri tal-Parlament Ewropew għandhom ikunu eletti b'ħala rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni abbażi ta' rappreżentanza proporzjonali, bl-użu tas-sistema ta' lista jew tal-vot wieħed trasferibbli.
2. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw votazzjoni ibbażata fuq sistema ta' lista preferenzjali bi qbil mal-proċedura li huma jadottaw.
3. L-elezzjonijiet għandhom ikunu b'vot dirett universali u għandhom ikunu ħielsa u sigrieti.

Artikolu 3

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limitu minimu għall-allokazzjoni ta' siġġijiet. F'livell nazzjonali dan il-limitu ma jistax jeċċedi 5 fil-mija tal-voti mitfugħa validi.

L-Istati Membri fejn tintuża s-sistema tal-lista għandhom jistabbilixxu limitu minimu għall-allokazzjoni ta' siġġijiet għal kostitwenzi li fihom aktar min 35 siggju. Dan il-limitu ma għandux ikun anqas minn 2 fil-mija, u ma għandux jeċċedi il-5 fil-mija, tal-voti validi mitfugħa fil-kostitwenza kkonċernata, inkluż Stat Membru b'kostitwenza waħda.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-obbligu stipulat fit-tieni paragrafu mhux aktar tard milli huwa xieraq għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jsegwu l-ewwel elezzjonijiet li seħħew wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

Artikolu 3a (ġdid)

Meta dispożizzjonijiet nazzjonali jistabbilixxu skadenza għas-sottomissjoni tal-kandidaturi għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew, dik l-iskadenza għandha tkun minn tal-anqas tliet ġimgħat qabel id-data ffixxata minn kull Stat Membru, skont l-Artikolu 10(1), biex jorganizza l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew⁶.

Artikolu 3e (ġdid)

1. L-Istati Membri jistgħu jħallu l-wiri, fuq il-poloż tal-votazzjoni, tal-isem jew il-logo tal-partit politiku Ewropew li għalih il-partit politiku nazzjonali jew il-kandidat individwali jkunu affiljati.⁷
2. Ir-regoli dwar kif jintbagħtu materjali elettorali⁸, minn awtoritajiet pubbliċi, lil votanti fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk applikati għall-elezzjonijiet nazzjonali, mingħajr preġudizzju għall-mezzi li bihom jintbagħtu tali materjali u mingħajr preġudizzju għall-fatt li jintbagħtu komunikazzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet.

Artikolu 4a (ġdid)

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-possibiltajiet ta' votazzjoni minn qabel, votazzjoni bil-posta, u votazzjoni elettronika u fuq l-internet, fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Fejn jagħmlu dan, huma għandhom jadottaw miżuri suffiċjenti biex jiżguraw b'mod partikolari li l-affidabbiltà tar-riżultat, is-segretezza tal-vot, u l-protezzjoni tad-data personali skont id-dritt applikabbli tal-Unjoni.⁹

⁶ Kompletat mill-premessa li jmiss, li tkopri l-Artikolu 3e (1):
Billi:

(...) It-trasparenza tal-proċess elettorali u l-aċċess għal informazzjoni affidabbli huma importanti għas-sensibilizzazzjoni politika Ewropea u l-iżgurar ta' parteċipazzjoni elettorali sostanzjali, u billi huwa xieraq li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu infurmati ferm minn qabel dwar il-kandidati li jkunu haġġu għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u dwar l-affiljazzjoni tal-partiti politiċi nazzjonali ma' partit politiku Ewropew.

⁷ Għall-premessa, ara n-nota 6 f'qiegħ il-paġna.

⁸ Għandu jkun kompletat minn premessa li tipprovi eżempji tal-materjali kkonċernati (poloż tal-votazzjoni, u listi ta' partiti politiċi, il-koalizzjonijiet tagħhom u l-kandidati li jkunu haġġu għall-elezzjonijiet).

⁹ Kompletat mill-premessa li jmiss:

Billi

(...) Sabiex tithegġegħ il-partiċipazzjoni tal-votant fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u biex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-possibiltajiet offriti mill-iżviluppi l-ġodda, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu possibiltajiet, fost l-oħrajn, ta' votazzjoni minn qabel, votazzjoni bil-posta, u votazzjoni elettronika u fuq l-internet, waqt li jiżguraw b'mod partikolari l-affidabbiltà tar-riżultat, is-segretezza tal-vot, u l-protezzjoni tad-data personali skont id-dritt applikabbli tal-Unjoni.

Artikolu 9

Ħadd ma jista' jivvota aktar minn darba fi kwalunkwe elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-votazzjoni doppja fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tkun soġġetta għal pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Artikolu 9a (ġdid)

F'konformità mal-proċeduri elettorali nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji biex jippermettu liċ-ċittadini tagħhom li jgħixu f'pajjiżi terzi jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.¹⁰

Artikolu 9b (ġdid)

Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità ta' kuntatt responsabbli għall-iskambju ta' data dwar votanti u kandidati mal-kontropartijiet tagħha fl-Istati Membri l-oħra.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-dħul ta' votanti fir-reġistru elettorali u l-preżentazzjoni ta' kandidaturi, l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu għandha, f'konformità mal-istandards tal-protezzjoni tad-data tal-UE, tibda tibgħat lil dawk il-kontropartijiet, sitt ġimgħat qabel l-ewwel jum tal-perijodu elettorali msemmi fl-Artikolu 10(1), id-data indikata fid-Direttiva 93/109/KE dwar ċittadini tal-Unjoni, li fi Stat Membru li ma jkunux ċittadini tiegħu, ikunu ddaħħlu fir-reġistru elettorali jew ikunu ħarġu bħala kandidati.

¹⁰ Kompletat mill-premessi li jmiss:

Billi:

(...) L-ċittadini tal-Unjoni għandhom id-dritt li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tagħha, b'mod partikolari, billi jivvotaw jew joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

(...) L-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu l-miżuri neċessarji biex jippermettu liċ-ċittadini tagħhom li jgħixu f'pajjiżi terzi jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.